# Ġirolmu Grazjan (1545-1614)

## *Il-Kontemplazzjoni u l-Meditazzjoni*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Għad-dell tal-ġganti mistiċi Karmelitani tas-seklu XVI – Tereża ta' Ġesù, Ġwanni tas-Salib, Ġwanni ta' San Sansun, u Maddalena de' Pazzi – ġiet iffurmata skola Karmelitana ta' ħsieb u, aktar minn hekk, ta' talb li fiha mhux tant ġie mfassal metodu ta' talb imma stil, jew aħjar, vjaġġ ta' talb. L-ispirtu tagħhom malajr infirex maż-żewġ Ordnijiet Karmelitani hekk li, għalkemm ċertament b'enfasijiet differenti, il-kitbiet tagħhom iddeterminaw kif il-Karmelu għadu sal-lum jifhem u jgħix il-kariżma tiegħu fi ħdan il-Knisja. Minkejja d-differenzi, il-kariżma Karmelitana fis-sekli XVI u XVII żviluppat madwar iċ-ċertezza li l-qofol tal-Evanġelju huwa t-talb veru, tal-qalb.

Ġewwa Spanja, il-kitbiet ta' (Madre) Tereża ta' Ġesù ġew ippubblikati għall-ewwel darba fl-1588, sitt snin wara li mietet, minn Luís de León, Agostinjan. L-ewwel bijografija tagħha nkitbet minn Francisco de Ribera, Ġiżwita, megħjun minn Ġirolmu Grazjan, u ġiet ippubblikata fl-1590. Grazjan kien wieħed mill-figuri l-iżjed importanti fil-ħajja ta' Tereża ta' Ġesù. Kien mhux biss konfessur tagħha, imma wkoll ħabib tal-qalb u l-id il-leminija fil-proġett tar-riforma Skalza. Twieled f'Valladolid fis-6 ta' Ġunju 1545. Missieru kien segretarju tar-Re Karlu V u Filippu II, ommu kienet bint l-Ambaxxatur Pollakk fil-Qorti Spanjola. Ta' dsatax-il sena kiseb il-Masters fl-Arti. Fl-1569, ta' erbgħa u għoxrin sena ordna saċerdot. Fil-25 ta' Marzu 1572 beda n-novizzjat ġewwa Pastrana mal-Karmelitani Skalzi, hekk kif sar jaf lis-sorijiet Tereżjani t'hemm; jgħidilna, "wara li kont tqabadt għal kważi sena u nofs mal-vokazzjoni tiegħi, li kien tassew turment." Fit-28 ta' Marzu 1573 għamel il-professjoni, u immedjatament kien maħtur Viżitatur Appostoliku (min-Nunzju Ormaneto) għall-Provinċja Karmelitana ta' Andalusía. Fl-1575, ġewwa Beas de Segura, iltaqa' għall-ewwel darba ma' Tereża ta' Ġesù. Kien hu li ġegħelha twaqqaf monasteru f'Sevillia, tard dik l-istess sena. F'Marzu 1581, ġewwa Alcalá de Henares, ġie elett l-ewwel Provinċjal tal-Provinċja riformata (Skalza). Dam Provinċjal għal erba' snin. Fl-1582, mietet Tereża ta' Ġesù. Fis-17 ta' Frar 1592, ġie mkeċċi mill-aħwa Skalzi b'allegazzjonijiet li kien laxk, mogħti iżjed għall-appostolat milli għall-ħajja regolari, u li kellu relazzjoni diżonesta ma' Swor Marija ta' San Ġużepp. Wara żmien fil-ħabs tal-kunvent, itteħditlu wkoll il-libsa Karmelitana b'ordni tal-Papa. Għalhekk, beda żmien twil ta' vjaġġi minn post għall-ieħor ifittex fejn ikun milqugħ, u jitlob li ssir ġustizzja. Kien żmien ta' tisfija fejn tgħallem jiċċentra ruħu iżjed fuq l-Evanġelju. Spiċċa wkoll priġunier tal-pirati fl-Alġerija fejn neżżgħuh saħansitra mill-ftit ilbies li għad kellu fuqu. Fil-11 t'April 1595, kien meħlus mill-arrest. Kiseb mill-Papa l-permess li jissieħeb mal-Ordni Karmelitan (O.Carm.) fejn ingħata għall-kitba u għall-ħidma missjunarja. Il-vjaġġi tiegħu wassluh fi Brussell fl-1607 fejn beda jmexxi spiritwalment is-sorijiet Karmelitani tal-klawsura. Kien għadu ħaj meta rċieva l-aħbar li Tereża ta' Ġesù ġiet beatifikata fl-24 t'April 1614. Miet fi Brussell fil-21 ta' Settembru 1614. Is-Superjuri Ġenerali taż-żewġ Ordnijiet Karmelitani, fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-mewt tiegħu fl-2014, ifakkru lil Grazjan bħala "artiġjan tas-sliem u r-rikonċiljazzjoni," u jistednuna biex bħalu nidħlu f' "mixja permanenti, bħala ħruġ mill-jien magħluq fih innifsu, lejn il-liberazzjoni tiegħu fl-għotja tiegħu nnifsu, biex b'dan il-mod jerġa' jsib lilu nnifsu, u jerġa' lura lejn l-iskoperta ta' Alla" (n. 26).

Grazjan jitkellem dwar il-kontemplazzjoni f'diversi kitbiet tiegħu, fosthom f'Lámpadas Encendidas

["Msiebaħ Mixgħula"] li ġie ppubblikat f'Madrid fl-1604. Għal Grazjan, it-triq waħdanija li minnha r-ruħ tasal għall-kontemplazzjoni hija l-meditazzjoni. Il-meditazzjoni tagħmel li r-ruħ tieħu l-ewwel passi sodi fit-triq tat-talb: li tfittex, li tifhem, u li ssaħħaħ ir-rieda tagħha. Mill-banda l-oħra, il-kontemplazzjoni hija l-azzjonijiet mimlijin fidi li joħorġu bħala riżultat ta' dan it-taħriġ interjuri. Iqabbel il-meditazzjoni u l-frott li joħroġ minnha ma' wieħed li jkun qed idur f'kamra mimlija pitturi, jammira u jaħseb dwar xi jfissru, imma waħda minnhom tolqtu b'tali mod li tħeġġeġ fir-rieda tiegħu azzjonijiet mimlijin imħabba (LE, II, k. 6). Aktar 'il quddiem, jitkellem ukoll dwar l-effetti tal-kontemplazzjoni. L-ewwel effett huwa li r-ruħ issir attenta interjorament għall-preżenza t'Alla mimlija ħniena. It-tieni effett huwa li tħoss fiha bħal faxxinu tal-kobor t'Alla u tal-fidwa li ġabilna Kristu. It-tielet effett huwa li, hija u timmedita l-passjoni ta' Kristu, filwaqt li tissaħħar wara l-ġmiel u d-delikatezza tiegħu, timtela kollha kompassjoni għalih. Ir-raba' effett huwa li din tagħtiha s-saħħa biex teżerċita ruħha fil-virtujiet. Il-ħames effett huwa li ħdejn il-kobor t'Alla, kollox jibda jidher żgħir u inqas importanti. Is-sitt effett huwa għaqda intima ma' Kristu hekk li l-azzjonijiet, il-kliem, u l-ħsibijiet tagħha jsiru dawk tal-Maħbub tagħha. Is-seba' effett huwa li l-uniku oġġett tal-imħabba tagħna jsir Alla waħdu; hu waħdu biżżejjed. It-tmien effett huwa li jitnissel fir-ruħ ferħ profond. Id-disa' effett huwa li r-ruħ tissaħħaħ dejjem aktar fir-rieda tagħha (LE, II, k. 11). L-għaxar effett huwa li jkollha viżjonijiet fis-sens li tifhem mhux bil-moħħ iżda bil-qalb lil Alla. Il-ħdax-il effett huwa li r-ruħ tgawdi mit-talb tal-kwiet nar divin li jkebbisha. It-tnax-il effett huwa li titgħallem tiddistingwi dak li hu immaġinarju, melankoliku, jew dgħajjef minn dak li hu veru fiha nnifisha (LE, II, k. 12).



*Ġirolmu Grazjan*

Fit-tlettax-il kapitlu, Grazjan jagħti wkoll pariri spiritwali biex wieħed jaċċerta ruħu li jibqa' fit-triq it-tajba. L-ewwel u qabel kollox, jgħid, mhux kull ruħ li esperjenzjat effetti straordinarji tat-talb – bħal viżjonijiet, estażijiet, eċċ. – hija neċessarjament aktar 'il quddiem fil-qdusija. Pjuttost dik li għandha iżjed fidi u mħabba. Mhumiex dawn is-sinjali straordinarji li jiddeterminaw il-kwalità tat-talb, imma l-imħabba, l-umiltà, l-għaqda m'Alla fil-fidi, is-safa, il-meditazzjoni, ix-xewqa li wieħed jagħmel dejjem ir-rieda t'Alla. Fi kliem ieħor, huwa aktar sigur fit-talb dak li jimxi fl-ordinarju. Iġib l-eżempju ta' dak is-sudditu li ried jitkellem mar-Re. Biex jagħmel dan, ordinarjament jidħol mill-bieb prinċipali tal-palazz, jitla' t-taraġ irjali, u jidħol fil-kamra tat-tron fejn imbagħad ikollu l-udjenza mar-Re. Jgħid Grazjan li wieħed lanqas joħlom li jidħol mit-tieqa jew li r-Re jmur għandu minflok. L-istess fil-ħajja tar-ruħ, din aktar timxi 'l quddiem meta ssegwi toroq ordinarji. Fil-fatt, ir-ruħ li mxiet 'il quddiem ma titlobx ħlewwa u viżjonijiet, imma li tħobb u tbati għal Alla. Din ir-ruħ aktar tersaq lejn Alla fit-tiġrib milli fil-pjaċiri tat-talb għaliex tgħallmet li mhux il-gost tagħha nnifisha li se jressaqha lejn Alla, imma li ma tħalli xejn li jifridha mill-imħabba ta' Alla, lanqas it-tiġrib, kif jikteb San Pawl lir-Rumani (8:35-37). Ta' min wieħed joqgħod attent u jiftakar ukoll li r-ruħ li għaddejja mill-inxif spiritwali faċilment tħalli t-talb, timtela kollha bruda u taħseb li qed taħli l-ħin, imma aktar jixraq li bl-umiltà u bil-paċenzja terġa' lura għat-talb ordinarju biex tkompli teżerċita ruħha fil-virtujiet. Fl-istess ħin, ir-ruħ għandha tfittex ukoll li tibqa' temmen fil-possibiltà ta' doni straordinarji, minflok tingħalaq għalkollox fl-ordinarju hekk li ssir suspettuża ta' dak kollu li jmur lil hinn mill-ordinarju. Sabiex tibqa' dejjem fit-triq it-tajba, għandha dejjem tfittex l-għajnuna spiritwali ta' xi ħadd li jifhem, li huwa prudenti, u li għandu esperjenza. Ir-ruħ m'għandha qatt tħalli li titkellem dwar dak li għaddejja minnu, tistaqsi dwar kulma teħtieġ, u ma tibżax jekk ma tifhimx dak li għaddejja minnu spiritwalment. Kif diġà għedna, l-aktar triq sigura għall-ħajja tar-ruħ hija l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu u l-umiltà, li hija l-ankra li żżomm sod il-bastiment tar-ruħ u dik li tagħti sens lit-toroq kollha tat-talb (LE, II, k. 13).